**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Marthese Micallef)**

**vs**

**Mario Mifsud ta' 43 sena, iben**
**Carmelo u Marianna nee Galea, mwieled Pieta'**
**fit-23 ta' Dicembru, 1958, u joqghod 'Mon Cheri',**
**Guze Ellul Mercer, Dingli, detentur ta' karta**
**ta' l-identita' bin-numru 25559 (M)**

**Carmelo Schembri ta' 37sena, iben il-mejjet Albert**
**U Giovanna nee Micallef, imwieled il-Mosta fit-13 ta' Gunju,**
**1964 u li joqghod 68, 'Il-Bejta', Triq ir-Refugjati, Mosta,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 319964 (M)**

**Joseph Schembri ta' 31 sena, iben il-mejjet Albert u**
**Giovanna nee Micallef, imwieled il-Mosta fid-9 ta' Mejju,**
**1969 u li joqghod 62, 'Oleander', Ta' Xkora, Mosta, detentur**
**tal-karta ta' l-identita' bin-numru 190169 (M)**

**Illum 26 ta' Gunju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Mario Mifsud, Carmelo Schembri u Joseph Schembri li gew akkuzati talli fl-1 ta' Marzu, 2002 u fil-jiem ta' qabel, f'Had-Dingli, wettqu xi attivita' jew operazzjoni, jew kienu ingaggati f'xi attivita' jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-rizorsi ta' l-energija, l-ilma u l-minerali meta ma kellhomx licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-rizorsi.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellhom ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat il-fedina penali li hija netta.

Rat ukoll l-ammissjoni bikrija taghhom.

Ghaldaqstant waqt li qed issibhom hatja tar-reati lilhom addebitati qeghda tapplika l-art 9 tal-Kap 152 ghal sena mil-llum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.